# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 413/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ferris)**

**vs**

**Glen Borg**

Seduta tal-24 ta' Settembru, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Glen Borg, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 281675M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'Awwissu 2012 u fil-ġimgħat u x-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u magħmula b'riżoluzzjoni waħda:-

1. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu ta' John Abela ID 217369M.

2. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu ta' Clinton Bondin ID582781M.

3. B'mezzi kontra il-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) ghad-dannu tal- kumpanija TITAN INTERNATIONAL LTD.

4. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila,

setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu tal-istabbiliment FIRM A. GRECH POLLACO u/jew Anthony Grech ID 654047M.

5. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu tal-istabbiliment BONNICI STORES LTD. u/jew Godfrey Bonnici ID 382367M.

6. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu tal-kumpanija SIMONDS FARSONS CISK PLC.

7. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex

iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għaddannu ta' PAUL MICALLEF ID 413759M.

8. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għaddannu tal-kumpanija ALCOM ENTERPRISES CO.LTD. u/jew id-diretturi tagħha.

9. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, b'mezzi kontra il-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu tal-istabbiliment TOOL CENTRE u/jew Joseph Saliba.

10. fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi kellu fil-pusses tiegħu xi ħaġa li kien jaf li kienet misruqa jew meħuda b'qerq jew akkwistata

b'reat u naqas milli jgħarraf lill-Pulizija b'dan il-fatt fi żmien ġimgħa minn meta sar jaf.

11. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, għamel falsifikazzjoni f'atti awtentiċi u pubbliċi, jew fi skritturi kummerċjali jew ta' banek privati, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe` diversi ċekkijiet tal-HSBC Bank Malta plc. u Bank of Valletta plc, li jappartjeni lil Saviour Grima, billi ħoloq pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement għamel użu mill-istess att, kitba jew skrittura falza.

12. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza imsemmija fl-artikoli imsemmija f'dan is-subtitolu (179 -183 tal-Kodici Kriminali).

13. talli wettaq reat fi żmien il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża liema sentenza ġiet mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tiġi mibdula;

14. sar reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 (Kodiċi Kriminali) tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) diversament presjeduta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-1 ta' Awwissu, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 42(d), 43, 49, 50, 184, 308, 309, 310 (1)(a)(b)22 u 334A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Glen Borg hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba, d-disgha, l-ghaxar, it-tnax, it-tlettax u l-erbatax il-imputazzjoni u ikkundannatu ghal erba' snin prigunerija, filwaqt li lliberatu mill-akkuzi l-ohra kollha. Inoltre b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti dahlet fis-sehh wkoll is-sentenza sospiza ta' sentejn (2) prigunerija moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fit-3 ta' Lulju, 2012..

Rat ir-rikors tal-appellant, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-9 ta' Awwissu, 2016, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza fuq indikata tal-1 ta' Awwissu 2016 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura billi tikkonferma l-htija u l-liberatorji, u taghti sentenza aktar ekwa u gusta.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell limitat ghall-piena erogata mill-ewwel Qorti bil-gravmi li s-sentenza ma tirriflettix l-fatt li l-mohh wara dan il-frodi kien persuna ohra li bbenefika mill-akkwist frawdolenti

tal-oggetti in mertu u li issa l-appellant ma huwiex f'qaghda li jrodd lura dawn l-oggetti;

2. Din il-Qorti tistqarr minnufih illi ma tistax tifhem il-motivazzjoni wara dan l-appell aktar u aktar meta fis-sottomissjonijiet tieghu, l-abbli difensur tal-appellant li assuma l-inkarigu mid-difensur li originarjament rrediga r-rikors, jghid li l-piena kominata hija aktar gravuza minn dik erogata fil-konfront tal-komplici. L-appellant zied jissottometti illi f'dan il-kaz huwa ha l-htija ta' atti kriminuzi ohra ghaliex is-sistema hekk tahdem [sic]. Bid-dovut rigward, jekk l-appellant deherlu li kien imputat b'fatti kommessi minn terzi u misjub hati taghhom, kellu kull dritt li juri disdenn ghal-dak il-fatt kif ukoll li jintavola appell in rigward. Minn dan ma ghamel xejn u jkun inutili f'dan l-istadju li jistenna varjazzjoni fil-piena fuq ilment konsimili;

3. Dak li hu mistenni minn din il-Qorti fl-appell odjern bl-aggravju appena rikapitat, hu li tezamina l-provvedimenti tal-ligi kolpiti sabiex ikun assikurat li l-piena hekk erogata kienet fil-parametri tal-ligi, tara jekk kienx hemm xi dritt ghat-tnaqqis, la darba si tratta ta' appell tal-imputat, u li ma jkun hemm xejn x'jiddemostra li l-piena kellha tkun anqas minn dik fil-fatt kominata. Dan ghaliex kif inhu assodat fil-gurisprudenza in tema, ma huwiex normali li din il-Qorti, *qua* Qorti tal-Appell Kriminali, tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm ma jkunx hemm xi wahda mir-ragunijiet indikati *supra*.( Ara fost skorta ta' sentenzi in rigward: Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et. 2.10.2002; Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano 13.11.2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella 14.6.1999 u r-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina 24.4.2003 kif citati fis-sentenza ricenti Ir-Repubblika ta' Malta vs *ommisis* u Noel Frendo 3.12.2015);

4. Ezaminati l-provvedimenti tal-ligi in rigward, l-piena erogata hija bhala fatt fil-konfini hemm indikati. Kif tajjeb irrileva l-

Avukat Generali, f'dan il-kaz partikolari, l-appellant kien miftuh ghal xejn anqas minn hmistax-il sena prigunerija u minn dawn kien kundannat ghal erbgha. Il-piena erogata fil-konfront ta' Glenn Debattista ma hi ta' ebda sostenn ghall-argument tal-appellant anke ghaliex il-paraguni huma hafna drabi odjuzi ghaliex ma jirriflettux l-*iter* processwali ta' dak l-individwu li jkun jinkludi fatti mgharufa lill-dik il-Qorti li tkun ghexet il-process u li waslet ghal kalkolu tal-piena li skond hi tkun tirrifletti il-fattispecie kollha;

5. Din il-Qorti ma tara ebda raguni impellenti ghaliex ghandha tirrimpjazza d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti u ghalhekk l-appell qed ikun michud;